MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 17/2007/2

Grace Pace

Vs

Carmel Pace

Illum 20 ta' Marzu, 2007.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat minn Carmel Pace fil-21 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 17/2007 fl-ismijiet **Grace Pace vs Carmel Pace**.

Rat ir-risposta prezentata minn Grace Pace fit-13 ta' Marzu 2007.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

1. Ir-rikorrent Carmel Pace qieghed jitlob li din il-Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 17/2007 fl-ismijiet **Grace Pace vs Carmel Pace** li gie pprezentat fit-2 ta' Frar 2007. Permezz ta' dan il-mandat l-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandate ta' sekwestru ghas-somma ta' mitt elf lira Maltija. Il-kawzali li ndikat huwa ***"in kawtela ta' sehem ir-rikorrenti mill-komunjoni ta' l-akkwisti"***.

2. Is-sekwestratarji ndikati fl-imsemmi mandat huma l-erbgha banek lokali, HSBC Bank Malta plc, Bank of Valletta plc, APS Bank Limited u Lombard bank Malta plc.

3. Mix-xhieda bil-gurament li ta Carmel Pace fis-seduta tal-lum, jirrizulta li:-

(a) Huwa ghandu biss depoziti bankarji mal-HSBC Bank Malta plc u APS Bank Ltd.
(b) F'wiehed mill-kontijiet bankarji li ghandu mal-HSBC Bank Malta plc jidhol is-salarju li jircievi ta' kull xahar mill-impjieg tieghu ma' Civil Protection. F'dan l-istess kont hemm biss is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) li hija tieghu, in kwantu l-bilanc huma ta' ibnu Clayton li qeghdin f'ismu peress li t-tifel ghadu minorenni.
(c) Il-fond matrimonjali huwa in kwantu ghal nofs proprjeta' parafernali tieghu u n-nofs l-iehor jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejnu u martu. Ghandu wkoll flimkien ma' martu hames bicciet raba' li nxtraw fiz-zwieg u li jinsabu f'zona agrikola. Fatti li gew ikkonfermati mill-intimata meta xehedet fis-seduta tal-lum.

4. Il-Qorti qieset li:-
- Fir-rigward tal-Bank of Valletta plc u Lombard Bank Malta plc, mill-provi ma rrizultax li r-rikorrent Carmel Pace ghandu xi depoziti bankarji f'dawn il-banek u ghalhekk ma jidhirx li hemm lok li l-mandat jibqa' fis-sehh fir-rigward ta' dawn is-sekwestratarji.

- Fir-rigward tal-HSBC Bank Malta plc u APS Bank Limited, ghalkemm mill-provi rrizulta li hemm xi depoziti bankarji kif spjega r-rikorrent, dawn huma f'ammonti zghar. Fir-risposta taghha stess l-intimata ddikjarat li *"…Grace Pace taf li hemm iktar minn Lm5,000 lira ddepositati l-bank….."*. Il-Qort tqies li hemm gid iehor x'jaghmel tajjeb ghas-sehem li tippretendi li ghandha dritt ghalih l-intimata, b'mod partikolari d-dar matrimonjali (inkluz il-kontenut tieghu) u l-immobbli l-ohra u li fuqhom ma jirrizulta li hemm xi dejn.
- Fir-rigward tat-talba tar-rikorrent sabiex l-intimata tigi kkundannata thallas penali skond l-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12, il-Qorti m'hijiex tara lok li din it-talba tigi milqugha in kwantu fil-fehma taghha mill-provi li semghet m'hijiex sodisfatta li jezistu r-rekwiziti kontemplati mil-ligi. Mill-provi rrizulta li dan il-mandat kawtelatorju gie pprezentat in kwantu l-intimata ma kellix taghrif ta' x'depoziti kellu zewgha mal-banek u wiehed japprezza li f'dan l-istadju l-interess taghha kien li tikkawtela l-pretenzjonijiet li ghandha fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Fir-rigward tal-premessa li ghamel ir-rikorrent li minhabba dan il-mandat ta' sekwestru ma jistax ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti, il-Qorti qeghda tirrileva li dan ma rrizultax mill-provi. Anzi mill-provi rrizulta li r-rikorrent qieghed jirrifjuta li jhallas il-manteniment iffissat mill-Qorti ghaliex skond hu l-mara tieghu qeghda tircievi ghajnuna minghand il-Gvern u qeghda tahdem. Il-Qorti qeghda minn issa twissi lir-rikorrent li huwa ghandu obbligu li jhallas il-manteniment u m'ghandu l-ebda jedd li jiehu l-ligi b'idejh. Fl-eventwalita' li ssir xi talba mill-intimata, il-Qorti ser ikollha tiehu dawk il-provvedimenti kollha li huma opportuni sabiex jigi assigurat li l-manteniment jithallas fi zmienu. Ghalhekk huwa fl-interess tar-rikorrent li jonora l-obbligu tieghu u ma jaghzilx it-triq tal-isfida.

Ghalhekk fic-cirkostanzi u f'dan l-istadju:-

(a) Fir-rigward tal-flus li huma tat-tifel Clayton u li dwarhom il-partijiet jaqblu li sa ftit ilu kienu depozitati f'kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc, tordna li dawn jitqieghdu f'kont bankarju f'isem kongunt bejn Grace u Carmel konjugi Pace u jigi ndikat l-

interess tal-minuri Clayton. Dan il-provvediment qieghed jinghata fl-atti ta' dawn il-proceduri, fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex jigu evitati kwistjonijiet bla bzonn fil-futur.

(b) Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-mandat kawtelatorju in kwistjoni ghandu jibqa' fis-sehh u ghalhekk qeghda tghaddi biex in vista ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 836(1)(c) u (f) tilqa' t-talba tar-rikorrent Carmel Pace u tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 17/2007 fl-ismijiet **Grace Pace vs Carmel Pace**, b'dan li qeghda tichad it-talba sabiex l-intimata tigi kkundannata thallas penali skond l-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

Spejjez tal-proceduri odjerni jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------